



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15001/23

LIMITE

CORLX 1001
CFSP/PESC 1481
CONOP 107
CONUN 277
COARM 287

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/2072
b'appoġġ għall-bini ta' reżiljenza fil-bijosikurezza u l-bijosigurtà permezz tal-
Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiniċi

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/2072 b'appoġġ għall-bini ta' reżiljenza
fil-bijosikurezza u l-bijosigurtà permezz
tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiniċi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi

- (1) Fil-25 ta' Novembru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/2072¹, li pprevediet perjodu ta' 24 xahar għall-implimentazzjoni tal-proġetti li jibda fid-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3) ta' dik id-Deċiżjoni.
- (2) Dak il-perjodu ta' implimentazzjoni kellu jintemm fid-19 ta' Diċembru 2023.
- (3) Fit-23 ta' Awwissu 2023, l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA), li huwa responsabbli għall-implimentazzjoni teknika tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/2072, talab estensjoni ta' tnax-il xahar tal-perjodu ta' implimentazzjoni.
- (4) L-estensjoni tal-perjodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/2072 sad-19 ta' Diċembru 2024 ma għandha l-ebda implikazzjoni fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2021/2072 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2072 tal-25 ta' Novembru 2021 b'appoġġ għall-bini ta' reżiljenza fil-bijosikurezza u l-bijosigurtà permezz tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiniċi (ĠU L 421, 26.11.2021, p. 56).

Artikolu 1

L-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2072 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fid-19 ta' Diċembru 2024.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President
